Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,520, 14 ta' Ottubru, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXII tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kap. 499 u biex jipprovdi s-setgħat u l-funzjonijiet fir-rigward tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

ACT No. XXXII of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Authority for Transport in Malta Act, Cap. 499 and to provide for the powers and functions with regard to Civil Aviation within the Authority for Transport in Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

14 ta' Ottubru, 2025

ATT Nru XXXII tal-2025

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Kap. 499 u biex jipprovdi s-setgħat u l-funzjonijiet fir-rigward tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Il-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali". Kap. 499.

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (r) tiegħu l-kliem "inċidenti tal-ajru." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "inċidenti tal-ajru;";

(b) minnufih wara l-paragrafu (r) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(s) sabiex jiġi mmaniġġjat il-Programm tal-Istat għas-Sikurezza (SSP) skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u Standards u Prattiki rakkomandati tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) (SARPs)

applikabbli u kwalunkwe materjal ta' gwida relatat inkluż, iżda mhux limitat għal dokumentazzjoni tal-ICAO għall-Immaniġġjar tas-Sigurtà, kif xieraq.".

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

3. Fil-partita 5 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "għar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", l-immaniġġjar tal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza (SSP)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 386 tat-8 ta' Ottubru, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati